MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## ELLUL ANTHONY

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1840/2002

**Avviz numru: 1840/02AE**

**SENTENZA IN PARTE**

**Publius Micallef**

**Vs**

**Sunroute Company Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab minghand is-socjeta konvenuta l-hlas tas-somma ta' elf u tnax-il lira Maltija (Lm1012), dovuti bhala kumpens ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu qabel iz-zmien iffissat fil-kuntratt ta' impjieg.

Ra r-risposta li giet prezentata mis-socjeta konvenuta li permezz taghha eccepiet fl-ewwel lok in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Mill-atti jirrizulta li l-attur kien impjegat mas-socjeta konvenuta bhala *Assistant Technician* b'effett mis-7 ta' Frar 2001 (ara Dok. LN1). Il-kuntratt ta' impjieg huwa wiehed ghall-perjodu defenit, mis-7 ta' Frar 2001 sas-6 ta' Frar 2002.

2. Li l-attur qieghed jitlob il-hlas ta' somma flus m'hemmx dubbju.

3. Il-hlas li qieghed jintalab mill-attur huwa skond l-Att dwar il-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg (Kap. 135). L-Artikolu 34[11] jipprovdi:

*"Principal li jibghat 'l barra impjegat qabel ma jaghlaq iz-zmien specifikat f'kuntratt ta' servizz, ikollu jhallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taz-zmien espressament miftiehem"*.

4. Skond l-Artikolu 28 ta' l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 266):

*"Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni eskluziva li jikkunsidra u jiddeciedi l-kazijiet kollha* ***fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta*** *ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi, u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci ghall-ksur tad-dritt tieghu li ma jitkecciex b'mod ingust ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra"*.

5. Fil-kaz in kwistjoni l-attur m'huwiex jibbaza l-azzjoni tieghu fuq allegata tkeccija ngusta. Il-funzjoni tat-Tribunal Industrijali hija sabiex tiddetermina kienx hemm tkeccija ngusta u f'kaz li hekk tiddetermina tordna li l-haddiem

jerga’ jinghata lura l-impjieg jew skond il-kaz jinghata kumpens. Fil-proceduri odjerni l-attur qieghed sempliciment jitlob dak li haddiem ghandu dritt ghalih skond il-ligi meta jkun impjegat taht kuntratt ta’ impjieg defenit, minghajr ma jallega li gie mkecci ingustament u jitlob rimedju.

6. Min-naha taghha s-socjeta konvenuta qeghda tikkontendi [ara t-tieni eccezzjoni] li l-attur *"abbanduna x-xoghol tieghu"*. B’hekk it-Tribunal qieghed jifhem li l-argument tas-socjeta konvenuta huwa li kien l-attur li telaq mis-servizz u ghalhekk l-ebda hlas m’huwa dovut.

7. Jidher ghalhekk li fil-kaz odjern hadd mill-kontendenti mhu qieghed jallega li kienet saret tkeccija ngusta. It-Tribunal irid jindaga u jiddeciedi liema wahda miz-zewg allegazzjonijiet kienet l-iktar verzjoni attendibbli, igifieri jekk l-impjieg giex itterminat mis-socjeta konvenuta jew kienx l-attur li telaq mill-impjieg meta abbanduna x-xoghol tieghu.

8. L-avukat difensur tas-socjeta konvenuta ghamel accenn li hemm sentenzi tal-Qorti ta’ l-Appell li f’kazijiet simili ddikjaraw li dan it-Tribunal m’ghandux gurisdizzjoni. Wahda minn dawn is-sentenzi inghatat fil-15 ta’ Ottubru 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Martin Aquilina proprio et noe vs Moira Chircop**. It-Tribunal ghandu certi rizervi partikolarment ghal dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti ddikjarat li *“l-kwistjoni inerenti ghat-talbiet dedotti fil-procedura in dizami kienu* <u>*ta’ natura kumplikata*</u> *u mhux sempliciment kwistjoni ta’ hlas ta’ kreditu sic et simpliciter….”* Il-fatt li jkun hemm konsiderazzjonijiet ta’ natura legali li jridu jsiru jew li kwistjoni tkun kumplikata, ma jwassalx ghal nuqqas ta’ gurisdizzjoni. It-talba ta’ l-attur mhi xejn ghajr talba ghall-hlas ta’ flus [“money claim”], u bhala tali t-Tribunal jemmen li taqa’ taht il-gurisdizzjoni tieghu.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

Bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra s-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**